MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Numru. 1165/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**SEFAKS AWLADALHAG**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **SEFAKS AWLADALHAG,** iben Hafi u Munira nee' Dadux, imwieled Tripoli nhar is-6 ta' Novembru 1992, u residenti gewwa 27, Fuq il-Gonna, Swieqi, Malta u detentur tal-Passport Numru 949842 gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Novembru, 2013 u t-23 ta' Novembru 2013 f'dawn il-Gzejjer:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Majed Ahmed Elgheryani f'periklu car flimkien ma' persuni ohra ikkaguna feriti ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' Majed Ahmed Elgheryani hekk kif gie ccertifikat minn Dr. S. B. Das M.D. bin-numru tar-registru mediku 2141 mill-Isptar Mater Dei;
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer ikkometta serq ta' diversi oggetti u cioe' gojjellerija, flus u oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin ghad-detriment ta' Majed Ahmed Elgheryani;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Majed Ahmed Elgheryani sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;
4. U kif ukoll talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Majed Ahmed Elgheryani bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta et sequitur.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom certifikat mediku, fotokopja vera tal-passaport Libjan tal-imputat, fedina penali, okkorrenza, statement u dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-assistenza legali.

Semghet lill-imputat jiddikjara li huwa ta' nazzjonalita' Libjana u li ma jifhimx bil-lingwa Maltija u dik Ingliza u ghalhekk il-Qorti nnominat lil Kaled Ageil bhala Interpretu sabiex jittraduci mil-lingwa Gharbija ghal-Lingwa Maltija u vici versa.

Rat illi permezz ta' dak li gie verbalizzat mill-Qorti qabel mal-atti gew rinvjati ghand l-Avukat Generali bir-rinviju ghal prima facie (fol. 48), il-Qorti kienet ordnat il-liberatorja tal-imputat fir-rigward tal-ewwel akkuza u cioe' talli allegatament kien ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Majed Ahmed Elgheryani.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-12 ta' Frar 2014 kif inseriti fl-atti a fol. 55 sabiex din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti kif fuq komposta u rat li meta gew moqrija l-Artikoli nhar is-6 ta' Marzu 2014 l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet lix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u cioe' **Ahmed Turki** fejn xehed bil-lingwa Gharbija li giet tradotta ghall-Malti mill-interpetu nominat mill-Qorti Wafa Salti Yacoub Mazahreh nhar il-25 ta' Novembru 2013. Huwa ddikjara li bejn it-22 u t-23 ta' Novembru 2013 huwa kien Paceville u kien fil-kumpanija ta' habib tieghu Majed Ahmed Elgheryani u fil-fatt kienu fl-istabbiliment maghruf bl-isem ta' Havana. Dan kien ghal habta tal-

erbgha ta’ filghodu. Ix-xhud jaf li f’xi hin Sefaks, l-imputat odjern, xtaq jitkellem ma’ Majed Ahmed Elgheryani. Ix-xhud kien ftit ‘il boghod minnhom u kienu barra l-istabbiliment ta’ Havana propju fit-triq. Ix-xhud ra lill-imputat odjern jitkellem mal-habib tieghu Majed Ahmed Elgheryani, u fid-daqqa u l-hin sema hoss, speci ta’ hgieg jinkiser, imbaghad dar sabiex jara x’kien dan il-hoss u jaf li mbaghad xi hadd mar u zamm lilu minn wiccu. Il-persuna li zammitu minn wiccu kienet xi hadd bl-isem Xihabb u qallu fejn hu l-habib tieghek Majed, u huwa qallu li qieghed hemmhekk, u tah id-direzzjoni ta’ fejn kien il-habib tieghu. Xihabb mbaghad ikkaguna ferita f’ghonqu u mexa ma’ shabu ghal fejn kien Majed. In segwitu din il-persuna, Xihabb flimkien ma’ ohrajn, li kienu hames persuni b’kollox, bdew jaghtu lil Majed Ahmed Elgheryani. Sefaks ma kienx wiehed minn dawn il-hamsa minn nies.

Ix-xhud jiftakar li Majed kellu katina ma’ ghonqu u fil-fatt jaf li Sefaks gibidielu u hadhielu. Sussegwentement sema lil Majed jghid li Sefaks kien hadlu l-mobile u xi flus minn ghandu. Mistoqsi mill-Qorti jekk huwa rax lil Sefaks jiehu dawn l-affarijiet, wiegeb li le ma rahx pero’ sema’ lil Majed jallega hekk (*sottolinear tal-Qorti)*. Mistoqsi jekk rax lil Sefaks iwegga’ lil Majed qal li le, pero’ rah joghodlu l-katina minn ghonqu *(sottolinear tal-Qorti* . Wara li hadlu l-katina jaf li telaq ‘l hemm. Ix-xhud stqarr li huwa beza’ wkoll u telaq ‘l hemm. Mistoqsi mill-Qorti jekk rax lil xi nies iweggghu u jingurjaw lil Majed, wiegeb li ra persuna tolqtu f’wiccu bi flixkun tal-birra miksur. Meta mar lura d-dar u gie Majed qallu sabiex imur jaghmel rapport l-ghassa. Mistoqsi jekk Majed kienx spicca ferut, wiegeb li iva, wiccu kien mimli feriti. Pero’ stqarr illi ma jafx min ghamel u kkaguna dawn il-feriti (*sottolinear tal-Qorti*), Xihabb biss jista’ jghidu dan. Huwa tenna illi jekk

jarahom dawn in-nies ikun jista' jaghrafhom. Mistoqsi jekk kienx hemm xi gegwigija qal li effettivament jaf li kien hemm xi hames minn nies kollha jaghtu fuq Majed. Huwa ddikjara li ma kienx qieghed jixrob dak il-lejl. Is-soltu huwa jixrob, pero' dakinhar ma xorob xejn. Dak il-lejl huwa xorob xi *juice* u ilma. Mistoqsi kemm dam dan l-incident, qal li dan dam xi erba' minuti b'kollox, pero' meta telaq hu kienu ghadhom qed jaghtu. Mistoqsi jekk l-imputat kienx qieghed prezenti meta effettivament Majed kien qieghed jaqla' d-daqqiet, wiegeb li hu kien hemm fil-bidu biss pero' mbaghad telaq 'l hemm. Mistoqsi kif effettivament jista' jkun cert li kien l-imputat li seraq il-katina meta effettivament kien imdawwar ma' nies ohrajn kollha jaghtuh <u>wiegeb li huwa rah u jinsab cert minn dan</u> (*sottolinear tal-Qorti*). <u>Kien l-imputat li seraqlu l-katina</u> (*sottolinear tal-Qorti*). Huwa kkonferma li kien hemm hafna jdejn, pero' kkonferma bil-gurament li l-katina seraqha l-imputat.

**Majed Ahmed Elgheryani** xehed fit-3 ta' Dicembru, 2013 fejn iddikjara li fil-jum tal-incident in kwistjoni huwa kien qed jitkellem mal-imputat, li qed jaghraf fl-Awla bhala Sefaks. Huma kienu barra t-triq f'Paceville, quddiem l-istabbilament maghruf bhala Hugos, u f'hin minnhom marru erba' persuni u tawh daqqa f'wiccu bi flixkun. Huwa ndika lill-Qorti l-ferita li huwa ghandu taht ghajnejh fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu. <u>Huwa kkonferma li effettivament ma kienx l-imputat odjern li kkagunalu din il-ferita</u> (*sottolinear tal-Qorti*). Il-persuna li taghtu d-daqqa f'wiccu hija maghrufa bl-isem ta' Mahmoud Tunaj u sostna li dan ghadu sa' llum imur fuqu u jghidlu sabiex jinsa' dan l-incident u jheddu. Huwa ma jafx fejn toqghod din il-persuna Mahmoud, pero' qalulu li jghix il-Gzira. Din il-persuna ccempillu bit-telephone, kif ukoll beda jibghatlu messaggi ma' shab ix-xhud. <u>Huwa tenna illi fil-konfront tal-imputat odjern u dejjem skont ma' qalulu zghazagh ohrajn, l-</u>

imputat hadlu katina li kellu ma' ghonqu (*sottolinear tal-Qorti*). Fil-fatt huwa kien ra lill-imputat jigbidlu l-katina, pero' wara huwa waqa' mal-art u ma ra xejn aktar. Ix-xhud spjega li l-gizirana in kwistjoni kienet tal-fidda u fil-fatt kien xtraha mill-Belt fl-ammont ta' €170. Huwa ddikjara li dakinhar insteraqlu wkoll il-*wallet* u t-telefon. Ix-xhud iddikjara li effettivament lill-imputat rah johodlu biss il-gizirana minn ma' ghonqu, huwa ma rahx johodlu l-affarijiet l-ohrajn pero' kien hemm shabu li qalulu li kien l-imputat (*sottolinear tal-Qorti*).

Ix-xhud sostna li dakinhar huwa u l-imputat kienu qed jitkellmu b'mod normali, fil-fatt kienu hbieb, kienu fl-istess klassi u kienu jmorru l-iskola flimkien. Pero' stqarr illi llum il-gurnata, naturalment m'humiex jitkellmu. Huwa sostna li fl-ebda hin fil-fatt ma darbu l-imputat jew hebb ghalih. Dakinhar huwa kien ha zewg tazzi Vodka mhallat bir-Red Bull. Fil-fatt it-tazza kellha nofs Vodka u nofs Red Bull u ma kienitx mimlija sa fuq. Dan l-incident sehh ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu.

Ix-xhud tenna li apparti hu, Mahmoud u Sefaks kien hemm ukoll persuna ohra maghrufa bl-isem ta' Xihabb Mxawwat u kien hemm persuna ohra qsajra, bil-passaport li huwa jghid li kien Amerikan, pero' din il-persuna hija Libjana, u kien qed jhedded lix-xhud li kien ser jitfghu il-habs. Mahmoud Tunaj kien maghhom. Huwa cahad li dakinhar kien ghajjien u li ma jiftakarx x'gara, fil-fatt iddikjara li qed jirrakkonta ezattament dak li kien gara. Ix-xhud qal li wara li qala' daqqa f'wiccu ma kienx jaf aktar x'kien qed jigri. Huwa jiftakar li dakinhar wara li kien qala' diversi daqqiet u tefghuh mal-art, huwa sab ruhu l-isptar (*sottolinear tal-Qorti*). Fil-fatt jaf li qala' daqqiet waqt li kien mal-art u

kien qed ifittex l-ghassa. L-incident kollu dam hames jew ghaxar minuti, u dak il-hin huwa baqa' jaqla'.

**PS 848 Lawrence Gabriel** xehed fit-3 ta' Dicembru 2013 fejn iddikjara li fit-23 ta' Novembru ghal habta tad-disgha u tlettax-il minuta (9.13pm) ta' fil-ghaxija marret persuna taghmel rapport l-ghassa, li vizibilment kienet tidher li kienet feruta, fejn qaltilhom li dakinhar stess ghal habta tal-hamsa ta' fil-ghodu fil-vicinanzi ta' fejn kien l-Axis Discotheque kienu aggredewh xi persuni ta' nazzjonalita' Libjana u li kienu serqulu l-affarijiet li kellu fuq il-persuna tieghu. Il-persuna li ghamlet dan ir-rapport kien jisimha Majed Ahmed Elgheryani. Mistoqsi mill-Qorti min kien l-agressur tieghu, wiegeb li dakinhar Majed qallu li persuna minn dawk li aggredewh kien jaf fejn joqghod, u ghalhekk marru mieghu fil-post 27, Fuq il-Gonna, Swieqi, fejn indikalhom li l-persuna kienet bilqieghda u kienet qed tuza l-mobile tieghu, u qal li din hija l-persuna li gharaf hawn prezenti fl-Awla bhala l-imputat. L-imputat dak il-hin qal li huwa ma ghamel xejn u beda jinnega li kien hu. Fil-fatt beda jinnega li huwa kien involut f'kollox. Pero' x-xhud stqarr li aktar tard fl-investigazzjoni irrizultalhom li kien hemm persuna maghrufa bl-isem ta' Ahmed Turki fejn qalilhom li kien ra lill-imputat jiehu l-affarijiet minn fuq il-persuna tal-vittma cioe' ta' Majed Ahmed Alghariani.

Mistoqsi mill-Qorti jekk Majed kienx qal lill-Pulizija min kien hebb ghalih, wiegeb li huwa qalilhom li kienu erba' minn nies ta' nazzjonalita' Gharbija. Mistoqsi jekk Majed kienx qalilhom li effettivament l-imputat kien hu li kkagunalu l-ferita f'wiccu, wiegeb li qal li kien fil-kumpanija ta' dawk l-erba' minn nies, pero' qalilhom li kien l-imputat li kien seraqlu l-katina. Effettivament Majed kien mar jiddewwa l-isptar qabel ma mar ghandhom. Fil-

fatt meta kien mar ikellimhom, Majed kien deher li kien mugugh, pero' ma kienx disorjentat, u kien jaf x'kien ghaddej. Huwa fl-ebda hin ma qal lix-xhud li kien xorob u lanqas ma deher xurban. Fil-fatt il-vittma qallu li kienu erba' minn nies li hebbew ghalih.

**PC 593 Raphael Attard Flores** xehed fit-3 ta' Dicembru 2013 fejn iddikjara li huwa jiftakar li fit-23 ta' Novembru 2013, ghal habta ta' 9.10 ta' fil-ghaxija kien *night watch* u kien gie l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan, certu Majed Ahmed Alghariani biex jaghmel rapport li dak in-nhar fil-ghodu ghal habta tal-erbgha ta' fil-ghodu, waqt li kien Triq San Gorg, San Giljan, vicin l-istabbiliment maghruf bl-isem ta' Axis, aggredewh erba' rgiel ta' nazzjonalita' Libjana bhalu u hebbew ghalih fizikament. Huwa ghaddielhom ukoll certifikat mediku tal-griehi li huwa sofra. Ix-xhud stqarr li fil-fatt dakinhar stess Majed Ahmed Elgheryani deher ukoll midrub, kellu wiccu minfuh u huwa allega wkoll li kienu serqulu xi affarijiet fosthom gizirana tal-fidda, HTC mobile u tlett mitt ewro (€300) cash. Fil-fatt qalilhom li kien hemm erba' minn nies, pero' minn stharrig li ghamel ma' shabu stess huwa kien jaf biss l-identita' ta' wiehed minnhom biss u cioe' tal-imputat odjern. Ix-xhud tenna li huma staqsewh jekk kienx jaf fejn joqghod, u qalilhom li l-indirizz ma kienx jafu pero' kien kapaci jehodhom hemmhekk. Fil-fatt huwa kien fil-kumpanija ta' nies ohra u l-Pulizija saqu warajhom u waslu fil-post maghruf bhala 27, Triq Fuq il-Gonna, Swieqi. Meta habbtu, fethet persuna ta' nazzjonalita' Libjana, staqsewh jekk kienx hemm persuna maghrufa bl-isem ta' Sefaks fosthom u indikatilhom l-imputat odjern. Dak il-hin l-imputat kien bil-qieghda fuq is-sufan bil-headphones f'widnejh, gie javvicinahom, u staqsewh ghad-dokumentazzjoni tieghu biex jikkonfermaw minn kien u wera l-passaport fejn ikkonfermaw ismu u kunjomu, u fil-fatt dawn kienu jaqblu mad-dettalji li kien

tahom l-vittma. Dak il-hin il-vittma gharfu u qalilhom li kienet din il-persuna, u ghalhekk ittiehed l-ghassa u bdew bl-investiazzjoni taghhom.

Mistoqsi mill-Qorti jekk f'xi hin Majed qalilhomx li kien l-imputat li kien ikkagunalu l-ferita f'wiccu, wiegeb li fl-ebda hin ma qalilhom hekk. Pero' qalilhom li l-imputat kienet il-persuna li haditlu l-gizirana. L-incident sehh f'post imwarrab vicin l-Axis u Majed kien qalilhom li waqt li huwa kien qieghed jitkellem mal-imputat odjern kienu gew tlett minn nies ohra aggredewh. Fil-fatt haseb li kienet nasba li l-imputat kien qieghed ikellmu. Fil-fatt Majed Ahmed Elgheryani qalilhom li l-imputat ma refax idejh fuqu. Ix-xhud tenna li fil-fatt Majed Ahmed Elgheryani kemm-il darba kkonferma li kien l-imputat li seraq il-gizirana u apparti dan kien hemm xhud iehor li ra lill-imputat jaghmel dan.

**L-Ispettur Daryl Borg** xehed fl-10 ta' Dicembru 2013 fejn iddikjara li nhar it-23 ta' Novembru 2013 ghal habta ta' 9.30 ta' fil-ghaxija gie nfurmat minn PS 848 Lawrence Gabriele li kien irraporta l-Ghassa certu Majed Elgheryani fejn qal li kien safa' misruq u midrub waqt li kien qieghed Paceville. Huwa gabilhom certifikat mahrug Dr Satya Brata Das MD numru ta' registru mediku 2141 mill-Isptar Mater Dei. Majed Ahmed Elgheryani stqarr mal-pulizija li wiehed mill-persuni li aggredih kien gharfu u li kien certi Sefaks Awladalhag. Huwa kien jaf ukoll fejn kien qed jirrisjedi dan il-persuna. PS 848 Lawrence Gabriele u PC 593 Raphael Attard Flores irrikorrew gewwa 27, Fuq il-Gonna, Swieqi fejn staqsew ghal certi Sefaks Awladalhag u sabuh fil-post imsemmi. Huwa gie arrestat u migjub l-Ghassa San Giljan, fejn kellmu x-xhud nhar l-24 ta' Novembru 2013. Huwa gie moghti d-dritt li jitkellem ma' avukat izda huwa rrifjuta u wara li nghata s-solitu twissija gie mistoqsi rigward l-incident. L-

imputat stqarr illi veru kien qieghed Paceville dakinhar u li kellem lill-vittma, izda qal li fl-ebda hin ma aggredih u fl-ebda hin ma seraq xi affarijiet minn fuqu. L-Ispettur ra l-istqarrija li qieghda esebita f'dawn l-atti a fol 3 tal-process rilaxxata fl-24 ta' Novembru 2013 u fuqha huwa gharaf il-firma tieghu, tal-Ispettur Bonello u tal-istess imputat li ra hawn prezenti fl-awla.

Rat l-affidavit ta' **Dr Satya Brata Das** rilaxxjat nhar id-29 ta' Jannar 2014 u li gie pprezentat fl-atti fis-6 ta' Marzu 2014 li permezz tieghu iddikjara li Majed Ahmed Elgheryani kien involut fi glieda dakinhar stess kmieni filghodu u sofra diversi feriti kif hemm deskriti minnu (fol. 60). Huwa ddikjara li n-natura tal-griehi tieghu huma "*grievous*".

**L-imputat Sefaks Awladalhag** xehed fit-22 ta' April 2014 fejn iddikjara li huwa jiftakar li kien mar Paceville wahdu u jiftakar li l-guvni li ggieled mieghu qallu li xtaq ikellmu lill-imputat u fil-fatt dan huwa l-parte civile f'din il-kawza. Mistoqsi jekk huwiex minnu dak li qal ix-xhud fil-pedana tax-xhieda li huwa seraqlu l-gizirana wiegeb li mhux minnu. Pero' jiftakar li huwa kien qed jitkellem verament ma' dan il-guvni u beda jistaqsieh ghan-nies li kienu joqghodu mieghu. L-imputat jaf li hu ghandu habib mieghu li jismu Mohamed u jaf li huwa kien ukoll iggieled mal-istess persuna li xehed fil-konfront tieghu f'dawn il-proceduri. Huwa ddikjara li din il-persuna bdiet toffendieh dakinhar fuq il-habib tieghu Mohamed li jghix mieghu u qabdu minn sidru. Sadanittant gew tlieta minn nies ohra u fil-fatt haseb li kienu mieghu u l-imputat qabad u mbuttah l-hemm, u gibidlu l-gizirana tieghu u giet f'idu. Huwa spjega li fil-fatt telaqha dak il-hin stess u telaq jigri l-hemm u tlieta minn nies ohra qabdu jsawwtu lilu. Meta rahom hemmhekk huwa beza' u telaq l-hemm. Huwa kkonferma li meta ra lil dawn it-tlieta minn nies, huwa haseb li kienu gejjin

ghalih meta fil-fatt gew u qabdu mal-iehor u mhux mieghu. Huwa rega' kkonferma li fl-ebda hin ma ha l-gizirana izda meta gibdu, din giet f'idu u tefaghha mal-art u telaq jigri l-hemm.

Jinghad pero' li fl-istatement li huwa rrilaxja a tempo vegine tal-investigazzjoni esebit fl-atti a fol. 8 l-imputat jaghti xejra differenti ta' dak li gara u cioe' jghid li lill-vittma Majed Ahmed Elgheryani ma jafux izda di vista biss ghaliex il-habib li jghix mieghu jafu. Qal li dakinhar rah jiggieled ma' tlieta ohra. Mistoqsi jekk f'xi hin avvicinax lil din il-persuna jghid li le u mistoqsi ghaliex din l-pesuna identifikat lilu minn tant nies bhala aggressur taghha jghid li ma jafx.

**Mohamed Anwa Agubenda** xehed fis-27 ta' Mejju, 2014 bil-lingwa Gharbija tradotta ghall-Malti mill-interpretu fejn ikkonferma li s-sajf li ghadda huwa kien hawn Malta u kien joqghod is-Swieqi. Huwa jaf li x'hin kien Paceville u kien sejjer lura lejn id-dar nqala' ncident. Huwa kien mal-hbieb tieghu u kien hemm ukoll il-persuna li kellu xi jghid maghha Sefaks.

Dakinhar Majed Ahmed Elgheryani kien ma' grupp iehor, u wkoll kien qieghed jaqbad mal-grupp tax-xhud u dakinhar jaf li bdew isawtuhom bil-fliexken u huma harbulhom. Ghall-incident fejn kien involut fih l-imputat odjern pero' huwa ma kienx prezenti u ghalhekk dwar l-incident in kwistjoni huwa ma jaf xejn. Huwa ddikjara li dakinhar meta kienu nvoluti f'dan l-incident ma' Majed Ahmed Elgheryani l-imputat ma kienx maghhom.

Rat illi nhar id-19 ta' Gunju 2014 dehru l-partijiet quddiemha u trattaw il-kawza u ghalhekk din il-kawza illum tinsab differita ghas-sentenza finali.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif sehhet il-grajja, dik proposta mill-allegata vittma Majed Ahmed Elgheryani li fi ftit kliem tghid li l-imputat seraqlu Katina tal-fidda li l-valut taghha ma jeccedix il-mija u sebghin ewro (€170) u dik proposta mill-imputat li qal li verament kien imbottah 'l hemm u gibdu mill-katina pero' telaqha minn idejh u telaq 'l hemm b'hekk ma seraq xejn.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhix mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjuza ghall-Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet il-process tul medda ta'zmien u ghalhekk hija f'posizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatat x'interess setgha kellu xi xhud f'data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Prosekuzzjoni ressqet lill-allegat vittma jixhed u tispjega f'aktar dettal ir-rapport li kien ghamel fil-konfront tal-imputat lill-pulizija ezekuttiva u l-imputat ghalkemm mhuwiex obbligat li jixhed iddecieda li jixhed. Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex

jipprova l-innocenza tieghu izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' *beyond reasonable doubt.*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et'** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubju jkun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt*.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader'** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen'** ***[1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament.

Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti pero' thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk l-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reat addebitat lill-imputati.

Fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' serq kif aggravat bil-vjolenza u bil-valur, liema aggravji huma s-segwenti kif moghtija mill-Avukat Generali fir-rinviju tal-Artikoli mibghuta minnu.

*"**262.** (1) Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"vjolenza" –*

*(a) meta jsir flimkien ma' omiċidju, ma' offiża fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, jew ma' theddid, bil-miktub jew bil-fomm, ta' omiċidju, jew ta' offiża fuq il-persuna jew ta' ħsara fil-proprjetà;*

*(b) meta l-ħalliel jippreżenta ruħu armat, jew meta lħallelin, għad li ma jkunux armati, jippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn;*

***267.** Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)."*

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti u cioe' dik moghtija mill-Prosekuzzjoni li kien l-imputat li seraq l-HTC mobile, tliet mitt ewro u Katina tal-fidda tal-vittma u l-vittma li jghid li kien l-imputat li seraqlu l-katina

tal-fidda u dik moghtija mill-imputat li jghid li huwa mbotta lill-vittma u gibdu mill-katina pero' fl-ebda hin ma ha l-katina. Jghid li jaf li waqghet ma l-art u telaq 'l hemm. Illi ghalhekk il-Qorti trid tanalizza sabiex tara liema hija l-verzjoni l-aktar kredibbli.

Il-vittma **Majed Ahmed Elgheryani** ex admisses jghid is-segwenti dwar is-serqa li irraporta u cioe':-

*"Huwa tenna illi fil-konfront tal-imputat odjern u dejjem skont ma' qalulu zghazagh ohrajn, l-imputat hadlu katina li kellu ma' ghonqu. Fil-fatt huwa kien ra lill-imputat jigbidlu l-katina, pero' wara huwa waqa' mal-art u ma ra xejn aktar. Ix-xhud spjega li l-gizirana in kwistjoni kienet tal-fidda u fil-fatt kien xtraha mill-Belt fl-ammont ta' €170. Huwa ddikjara li dakinhar insteraqlu wkoll il-wallet u t-telefon. Ix-xhud iddikjara li effettivament lill-imputat rah johodlu biss il-gizirana minn ma' ghonqu, huwa ma rahx johodlu l-affarijiet l-ohrajn pero' kien hemm shabu li qalulu li kien l-imputat".*

Illi ghalhekk abbazi ta' din ix-xhieda, din hija l-istess verzjoni li nghatat lill-Pulizija a tempo vergine tal-invetigazzjoni u cioe' li jaf li l-imputat gibidlu l-katina minn ma' ghonqu, li huwa waqa' mal-art, storda, li l-imputat ma seraqx l-affarijiet l-ohra li huwa rraporta dwarhom u li kienu shabu li qalulu li kien l-imputat.

**PS 848 Lawrence Gabriel u PC 593 Raphael Attard Flores** jghidu l-istess haga dwar l-investigazzjoni taghhom u cioe' li l-vittma irrapporta li nsterqulu xi affarijiet fosthom gizirana tal-fidda, HTC mobile u tlett mitt ewro (€300) cash

pero' l-vittma qalilhom li l-imputat kienet il-persuna li haditlu l-gizirana biss *sic et semplicite*.

**Ahmed Turki** il-habib tal-vittma *ex admisses* fuq din il-materja jghid is-segwenti:-

*"Ix-xhud jiftakar li Majed kellu katina ma' ghonqu u fil-fatt jaf li Sefaks gibidielu u hadhielu. Sussugwentament sema lil Majed jghid li Sefaks kien hadlu l-mobile u xi flus minn ghandu. Mistoqsi mill-qorti jekk huwa rax lil Sefaks jiehu dawn l-affarijiet, wiegeb li le ma rahx pero' sema lil Majed jallega hekk. Mistoqsi jekk rax lil Sefaks iwegga' lil Majed qal li le, pero' rah joghodlu l-katina minn ghonqu.*

Illi ghalhekk fid-dawl tal-provi fuq identifikati jidher li l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat kien gibed il-katina tal-fidda li kellu l-vittma u seraqha.

L-imputat min naha tieghu jghid li huwa verament imbotta lill-vittma meta ra tlett min-nies gejjin ghal fuqu li haseb li kienu mieghu u dak il-hin *ex admisses* jghid "*qabad u mbuttah l-hemm, u gibidlu l-gizirana tieghu u giet f'idu. Huwa spjega li fil-fatt telaqha dak il-hin stess u telaq jigri l-hemm u tlieta minn nies ohra qabdu jsawwtu lilu. Meta rahom hemmhekk huwa beza' u telaq l-hemm. Huwa kkonferma li meta ra lil dawn it-tlieta minn nies, huwa haseb li kienu gejjin ghalih meta fil-fatt gew u qabdu mal-iehor u mhux mieghu. Huwa rega' kkonferma li fl-ebda hin ma ha l-gizirana izda meta gibdu, din giet f'idu u tefaghha mal-art u telaq jigri l-hemm."*

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan il-kwadru l-Qorti hija propensa li temmen aktar lill-vittma li jghid li verament imbotta lill-vittma u li gibidlu l-gizirana u li telaqha hemm. Dan qed jinghad ghaliex l-imputat stess jghid li l-imputat gibdu mill-gizirana u li din waqghet mal-art. Hadd mix-xhieda ma jghid li ra lill-imputat jiehu din il-gizirana. Kemm il-vittma u siehbu Turki jghidu li raw lill-imputat jibded il-katina. Dwar il-kumplament tal-oggetti li gew misruqa u cioe' l-cash u l-HTC mobile jinghad anke mill-vittma stess li ma kienx l-imputat li seraq dawn l-affarijiet u ghalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti ser tieqaf hawn.

L-imputat gie akkuzat ukoll bil-kontravenzjoni kif disposta fl-**Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9** tal-ligijiet ta' Malta u cioe' li *"b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku";*

Illi dwar din l-akkuza jinghad li hadd mix-xhieda ma qal li l-imputat beda jghajjat jew jikser il-paci pubblika lanqas il-vittma stess li jghid li gie mbottat mill-imputat. Fl-ebda hin ma jghid li bl-agir tieghu nkiser il-paci pubblika.

Fil-fatt hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid **Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Proceedings** (pagna 2549) meta jikkwota dak li qal L.J. Romar fil-kaz AG v PYA Quarters:

"*that it is clear in my opinion that any niusance in public which materially affects the reasonable comfort and niusance of life of a class of Her Majesty's subject.*"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal ktieb ***The Criminal Law of Scotland*** (pagna 985, para. 4101 ta' Gerald H. Gordon) fejn hemm tifsira ta' x'inhu paci pubblika u precizament fejn jghid:

"*whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstance of each case... although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone. Such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstance was such that it was calculated to lead to actual disturbance.*"

Ghalhekk din il-kontrvenzjoni ma tirrizultax ukoll.

Fit-tielet lok l-imputat gie akkuzat bil-kontravenzjoni kif disposta fl**-Artikolu 339 (1) ( d) tal-Kap 9** tal-ligijiet ta' Malta li tiddisponi s-segwenti:-

"**339.** (l) *Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min-*

***dd.*** *Iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi*";

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Pace** fejn gie deciz li:-

"*Din il-kontravenzjoni kontra persuna ohra sabiex tingurja, ddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, biex il-persuna thebb, ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita ta' tali kuntatt permezz ta' manifestazzjoni ta' forza fizika ndirizzata lejn dik il-persuna.*"

Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' hebb u cioe':

"*Attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such other person or persons.*"

Issa jirrizulta bic-car li din il-kontravenzjoni tirrizulta u dan anke mix-xhieda li ta l-imputat stess li qal li huwa mbotta lill-vittma u gibdu mill-Katina li kellu.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi u cioe l-Artikoli 17, 31, 261 (a) u (c), 262 (a) u (b), 267, 274 (b), 277 (a), 279 (a), 280 (2), 338 (dd), 339 (1) (d), 383, 384, 386 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibx lill-imputat SEFAKS AWLADALHAG hati tal-akkuzi kif moghtija fil-konfront tieghu salv u b'eccezzjoni ghal kontravenzjoni kif disposta fl-Artiklu 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u**

**tikkundannah ammenda ta' sitta u hamsin ewro (€56) f'dan ir-rigward il-massimu permess mill-ligi.**

**Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez maghmula rigward il-hatra ta' periti, il-Qorti rat li ma kien hemm l-ebda spejjez involuti f'dan ir-rigward u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------